## **Programm ta' attivitajiet fl-okkazjoni ta' JUM IX-XAGĦRA organizzati mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra**

### Il-Ġimgħa 28 ta' April: Tifkira tat-329 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Parroċċa. Jum ix-Xagħra.

**Il-Librerija 'Patri Ġiġi Camilleri SJ' illum tkun miftuħa bejn id-9.00am u l-4.00pm.** Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu, isiru żjajjar organizzati mit-tfal tal-Iskola Primarja. It-tfal ser jiġu mħeġġa sabiex joffru ktieb li jkunu qraw biex jiżdied mal-kollezzjoni ta' kotba fil-librerija pubblika tagħna. Ser tattendi l-awtriċi mix-Xagħra, Sharon Calleja.

7.00pm: Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina mmexxija minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo. Janima l-Kor *Voci Angeliche*.

7.30pm: Marċ mill-Banda *Victory* minn Pjazza l-Vitorja sal-Każin tal-istess Soċjeta'.

8.00pm: **Fis-Sala 'Dun Alwiġ Camilleri' fil-Każin tal-Banda *Victory*, issir is-serata kommemorattiva ta' Jum il-Lokalita'.** Isiru diskorsi, *feature* storiku u l-għoti tal-unur **ĠIEĦ IX-XAGĦRA 2017** lill-persuna li tkun kwalifikat għalih.

Waqt din is-serata, tieħu sehem il-Banda *Victory* li tesegwixxi diversi siltiet mużikali. Wara, ikun hemm riċeviment tal-okkażjoni fil-*foyer* tal-Każin.

### Il-Ħadd 30 ta' April:

Mit-8.00am sal-11.30am: Tinżamm edizzjoni oħra tal-Maratona Annwali ta' Għawdex organizzata mill-*Gozo Amateur Athletic Association* b'kollaborazzjoni maċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ u l-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

**Kulħadd huwa mistieden li jattendi għal dawn l-attivitajiet.**